**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Jannar, 2022**

**Mandat Nru: 53/2022 AF**

**Justin Borg**

**vs**

**One Productions Limited (C-12946)**

**u**

**Dr. Luke Dalli *qua* prezentatur tal-programm "Awla"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Justin Borg li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet li zzomm lil One Productions Limited u Dr. Luke Dalli *qua* prezentatur tal-programm "Awla" milli:

> *"Ixandar l-intervista ma' omm Chantelle Chetcuti, cioè Miriam Chetcuti, jew b'xi mod jiddiskuti jew b'xi mod jaghmel riferenza ghall-kaz ta' Chantelle Chetcuti u Justin Borg, fuq il-programm "Awla", liema programm mistenni illi jigi mxandar fuq it-television illum 13 ta' Jannar 2022, fuq l-istazzjon One Television."*

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba tal-intimati.

Rat id-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 u l-gurisprudenza relatata.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura ir-rikorrenti qed jitlob lill-Qorti twaqqaf lill-intimati milli jiddiskutu l-kaz tal-omicidju ta' Chantelle Chetcuti li bih jinsab akkuzat l-istess rikorrenti. Huwa jsostni li jekk jigi diskuss l-omicidju fil-programm huwa ser isofri pregudizzju.

Ikkunsidrat illi essenzjalment il-vertenza tinvolvi l-bilanc essenzjali bejn minn naha wahda l-jedd ta' akkuzat ghall-prezunzjoni tal-innocenza tieghu, liema presunzjoni hija element fondamentali tal-jedd tieghu ghall-smiegh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea u minn naha l-ohra l-libertà tal-espressjoni kemm tax-xandar kif ukoll tal-vittma tar-reat.

Dan il-bilanc huwa partikolarment sensittiv f'pajjiz zghir bhal Malta fejn materja ta' interess "lokali" tiehu bilfors xejra ta' interess "nazzjonali", fejn ukoll ikun dejjem prattikament impossibbli li jinstabu gurati li jkunu totalment sajma mill-informazzjoni dwar il-kaz li jintalbu jiggudikaw.

Ikkunsidrat ukoll l-obbligu u dritt ta' xandar li jipprovdi informazzjoni partikolarment f'sitwazzjonijiet fejn reat ikun qajjem interess kbir fil-poplu in generali.

Fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu, xandar huwa tenut josserva l-ligi skrupolozament. Il-Qorti tissenjala partikolarment l-Art. 8.9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 350.14 imsejjha "Htigiet dwar Standards u Prattika li japplikaw ghal Bulettini ta' l-Ahbarijiet u l-Programmi ta' Grajjiet Kurrenti":

> *"Nies mixlija b'atti kriminali m'ghandhomx jintwerew daqslikieku ga nstabu hatja. Qatt ma ghandu jsir guri bil-medja qabel ma tohrog sentenza mill-qorti. Wiehed ghandu jqis sewwa li ma jixxandarx ripetutament filmat li jista' jippregudika l-jedd ghal haqq hieles tal-mixli. Meta jsir rapport li xi hadd tressaq il-qorti, dejjem ghandu jibqa' rispettat il-principju li wiehed ghadu innocenti. L-istil u l-importanza li bihom isir ir-rapport ta' nies li tressqu l-qorti ghandu jkun jaqbel ma' dak ta' meta fl-ahhar tinqata' s-sentenza."*

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-dokument tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem intitolat "Guide on Art. 6 of the European Convention on Human Rights" kif rivedut fil-31 ta' Awwissu 2021 li jiddikjara direttament illi:

> *"372. In a democratic society, severe comments by the press are sometimes inevitable in cases concerning public interest (Viorel Burzo v. Romania, § 160; Akay v. Turkey (dec.)).*

*373. A virulent press campaign can, however, adversely affect the fairness of a trial by influencing public opinion and affect an applicant's presumption of innocence.*[1]

*374. In this connection, the Court has held that the press must not overstep certain bounds, regarding in particular the protection of the right to privacy of accused persons in criminal proceedings and the presumption of innocence (Bédat v. Switzerland [GC], § 51).*

*...*

*375. The publication of photographs of suspects does not itself breach the presumption of innocence (Y.B. and Others v. Turkey, § 47) ..............*

*However, broadcasting of the suspect's images on television may in certain circumstances raise an issue under Article 6 § 2 (Rupa v. Romania (no. 1), § 232)."*

Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti jsejjes il-lanjanza tieghu fuq "promo" ta' ftit sekondi imxandra ga fuq *page* ta' Facebook tal-istess programm. Il-Qorti kellha okkazjoni tara l-istess clip u tinnota li wahedha ma tidhirx li qeghda b'xi mod tilledi l-jedd tar-rikorrenti kif qieghed jilmenta. Il-kontenut tal-programm ghadu f'dan l-istadju mhux maghruf. Il-fatt wahdu li jissemma' r-rikorrenti f'kuntest ta' programm dwar l-omicidji in generali ma jistax "a priori" jitqies leziv. Il-Qorti tawgura li l-programm kollu jsir b'rispett totali tal-jeddijiet. Anzi, testendi l-istess hsieb ghall-pagna ta' Facebook tal-programm fejn l-istess obbligi jibqghu jinkombu fuq ix-xandar galadarba l-istess pagna hija kontrollata minnu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-13 ta' Jannar 2002 u tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat.

[1] See Section Prejudicial publicity

L-ispejjez jithallsu minn Justin Borg.

IMHALLEF